Uħud minnhom kienu saru klijenti regulari tas-Sonu. Mill-bieb tat-Tarzna ġirja waħda għall-karrettun ta' seħibna, biex jilħqu sfinġa kif jaf iħawwarha dan il-kok mill-Birgu.
Il-fama tajba ta' dan il-prodott xterdet ma' Malta kollha, għax il-ħaddiema tat-Tarzna kienu jiġu minn lokalitajiet oħra u kien jxerrdu l-fama ta' l-isfinġa tal-bakkaljaw tas-Sonu ma' sħabhom.

### IS-SONU JDOQQ IŻ-ŻAQQ

Imma l-ħin tal-mistrieħ hu meħtieġ ukoll. Is-Sonu kellu d-delizzju tad-daqq taz-zaqq b' ibnu l-kbir jakkumpanjah bit-tanbur. Fil-festi tradizzjonali tagħna kien jagħti pjeċir lill-folol li jarawh u jisimgħuh. Kellu ħabta jitgħawweġ u jinżel għarrkubtejh b'ċertu ritmu. Fl-Imnarja ġewwa l-Buskett kien jagħti wirja speċjali li rebbħitu wieħed mill-premjijiet. Kien anke deher fuq it-TV meta kien għadu *black and white*.

Is-Sonu ilu li ħalla din id-dinja; uliedu kibru u irtiraw mix-xogħol bil-pensjoni. Il-ħmara, wara snin taqdi dmira kif imiss, applikat fl-iskema tal-*early retirement*. Il-karrettun xtrah sid ta' restorant biex lżejjen u jfakkarna fil-ħajja Maltija ta' dari. Il-bejgħ tal-ħut, tal-qubbajt, ta' l-imqaret u l-qastan qed isir anke mis-*supermarkets*. Ma jinpurtax li sar il-progress f'pajjiżna, imma ħasra li l-isfineġ tal-bakkaljaw m'għadhomx jidhru. Ikel tant popolari mal-ġenerazzjoni ta' qabilna għeb għal kollox.

# Riċetta ta' l-Isfineġ tal-Bakkaljaw

**X'għandek bżonn:**

Nofs kilo bakkaljaw niexef
Kwart ta' kilo dqiq
Ftit ħmira
Għabra melħ
Ftit meraq tal-lumi

**Xarrab il-bakkaljaw fl-ilma minn awl il-lejl. Għarbel id-dqiq, żid il-ħmira u għaġen l-għaġina ġo żinġla billi żżid l-ilma kemm hemm bżonn. Itfa' għabra melħ u ftit meraq tal-lumi. L-għaġina trid tiġi ftit imlaħalħa. Ħalli l-għaġina toqgħod għal siegħa. Għalli l-bakkaljaw sakemm jirtab u jsir, naqqih mix-xewk, imbagħad qattgħu biċċiet żgħar. Itfa' l-biċċiet tal-bakkaljaw ma' l-għaġina u kompli għaġen kollox flimkien. Għamel it-taħlita blalen blalen u itfagħhom fiż-żejt jagħli sakemm isiru minn lewn id-deheb. Trid tikolhom sħan, hekk kif toħroġhom miż-żejt jagħli.**

**Ma' l-għaġina hawn min iżid xi żewġ tadamiet imqaxxra u mqatta' u jagħġen kollox mal-bakkaljaw.**

## DAWN X'SAR MINNHOM?

**IL-KALKARA**

**Fi triq Santa Liberata, meta l-patrijiet Kapuċċini bnew il-kunvent, infethet trejqa privata u tqiegħdu żewġ kolonni tal-ħaġar, waħda fuq kull naħa, bi statwa ta' San Pawl u oħra ta' San Pietru. Imma bl-iżvilupp ta' din it-triq dawn l-istatwi ma dehrux aktar. (Ma kellniex il-ħarsien ta' l-ambjent dak iż-żmien).**

**BORMLA**

**Parti mix-Xatt ta' Bormla kienet tissejjaħ "Ħdejn Sant'Andrija". Dan għax kien hemm kolonna sabiħa żżejjen it-triq bi statwa ta' Sant Andrija. Fir-rikostruzzjoni li saret wara l-gwerra kienet tneħħiet, imma l-bombi ma kienux qerduha. Neħħewha l-periti tal-Gvern Maltin**

**Lejn Verdala, fejn saret fetħa fis-sur ta' Santa Margerita, kien hemm ċimiterju msejjaħ tar-*Rock Gate*. Dan għaliex kien hemm mina ġol-blat. Malli Malta kellha l-ewwel Gvern Malti sar ftuħ fis-sur, tneħħiet il-mina, u ġie mċekken iċ-ċimiterju. Illum iċ-ċimiterju abbandunat.**

**SAN ĠWANN**

**Fil-Katidral ta' San Ġwann kien hemm żewġ bankijiet li kienu jgħidulhom "tal-Kapuċċini". Kienu fuq il-presbiterju. Flokhom illum tqiegħdu siġġijiet moderni. Il-bankijiet kienu saru mill-Gran Mastru li kien jistieden lill-Kapuċċini fil-Kon-Katidral. Issa tneħħew. Għebu.**

**Lorenzo Zahra**